**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 22 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru: 49/2013 MLF**

**Dr Kevin Cassar**

**vs**

**Joseph Vella u Luke Vella**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tal-attur fejn talab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati ihallsuh is-somma ta' hamest elef u hames Euro (€5,005) rapprezentanti l-prezz ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500) ghall-vettura Honda CRX Del Sol hamra bin-numru ta' registrazzjoni SKP 082 li l-attur akkwista minghand il-konvenuti u li ma kinitx tal-kwalita' pattwita, l-ammont ghall-hlas tar-registrazzjoni tal-istess vettura li jammonta ghal elf u erba' mitt euro (€1,400) u spejjez ohra li jammontaw ghal mija u hames Euro (€105) relatati mal-akkwist tal-vettura.

   Bl-ispejjez, inkluz ta' dawn il-proceduri u tal-ittra ufficjali pprezentata nhar is-7 ta' Dicembru 2012, bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati.

2. Rat ir-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:

   i. Il-konvenuti jaqblu illi kien hemm bejgh ta’ vettura tal-ghamla Honda CRX Del Sol hamra bin-numru ta’ registrazzjoni SKP 082 li l-istess konvenuti bieghu lill-attur ghall-prezz ta’ tlett elef u hames mitt Ewro (€3,500).

   ii. Illi l-attur kien ben konsapevoli tal-istat illi kienet fih il-vettura fil-mument tal-akkwist.

   iii. It-talbiet tal-attur rikorrent ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta mill-provi.

   iv. Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittri bonarji, nota ai termini tal-166A u kontro-mandati.

3. Il-konvenuti ipprevalew ruhhom mill-azzjoni tal-attur sabiex iharrkuh in via rikonvenzjonali kif ser jinghad. Fil-kontro-talba taghhom, il-konvenuti jghidu hekk:

   i. Il-konvenuti Joseph Vella u Luke Vella jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mid-dritt jipprezentaw kontra-talba kontra r-rikonvenut Dr. Kevin Cassar.

   ii. F’Novembru tas-sena 2012 sehh il-bejgh ta' vettura ghamla Honda CRX Del Sol hamra bin-numru ta'registrazzjoni SKP 082 li l-istess esponenti bieghu lir-rikonvenut ghall-prezz ta' tlett elef u hames mitt Ewro [€3, 500].

   iii. Qabel ma sar l-akkwist ir-rikonvenut kien gie avzat mill-esponenti illi l-vettura odjerna kellha s-saqaf difettuz.

   iv. Sussegwentement ghal dan u qabel l-istess akkwist ir-rikonvenut kien ha t-tali vettura sabiex tigi ezaminata minn mekkanik tal-fiducja tieghu u l-istess mekkanik ddikjara illi s-saqaf ma kellu xejn gravi ghajr settings illi setghu facilment isiru.

v. Wara illi sar l-akkwist tal-vettura l-esponenti in bona fede iddeciedu illi anke jhallsu u jixtru ammont ta' parts illi kien hemm bzonn sabiex jissewwa s-saqaf tal vettura.

vi. Madanakollu wara ammont ta' zmien r-rikonvenut biddel fehmtu li jzomm il-vettura u beda jallega illi l-vettura ma kinitx tal-kwalita patwita u qieghed illum jivvanta l-pretensjoni li jinghata l-flus li jammontaw ghall-prezz u spejjez ancillari lura.

vii. L-esponent jafu b'dawn il-fatti kollha

Il-konvenuti rikonvenjenti talbu lil din il-Qorti sabiex:-

i. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut kien ben konsapevoli tal-istat tal-vettura qabel ma sar l-akkwist;

ii. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati u ghandhom jigu michuda u illi l-bejgh tal-vettura odjerna sehh kif tirrikjedi l-ligi.

4. Rat ir-risposta tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti fejn eccepixxa:

Illi preliminarjament il-kontro-talba hija nulla ai fini u effetti kollha tal-ligi stante li ma tissodisfax l-elementi rikjesti ghall-azzjoni tar-rikonvenzjoni. Il-kontro-talba kif intavolata saret biss biex tizvija u tahli l-hin tal-Onoroabbli Qorti.

Dwar l-istitut tar-rikonvenzjoni, huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrali li hekk kif riportat fis-sentenza Gasan Insurance Agency Ltd noe vs Simon Soler et:

> "Effettivament l-estremi rikjesti ghar-rikonvenzjoni skond l-imsemmi artikolu jikkonsistu fl-ispjega elokwenti li nsibu fid-decizjoni klassika fuq din il-materja, riportata a Vol XXVII p1 p895:
>
> (i) nella comumanza di origine delle due cause, ovvero;
> (ii) nella eliminazione reciproca delle due domande."

Ir-rikonvenzjoni hija procedura specjali li biha l-konvenuti rikonvenjenti jressqu kontro-talba sabiex jattakaw it-talba tal-attur rikonvenut u mhux estensjoni tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti. Inoltre, l-azzjoni attrici u l-azzjoni rikonvenzjonali huma zewg azzjonijiet li kapaci joqoghdu wahedhom f’ezistenza indipendenti u awtonoma.

Hekk kif intqal fis-sentenza Joseph Scerri vs Anna Fenech et gie ritenut li:

> “Hawnhekk, il-Qorti thossha fid-dmir li taghmilha cara li l-fatt li l-ghan ta' parti mharrka jkun li ggib fix-xejn azzjoni mressqa kontriha ma jirrendix gustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att gudizzjarju fl-ghamla ta' rikonvenzjoni. L-istess ghan jintlahaq b'nota tal eccezzjonijiet. Ma kien qatt il-hsieb tal-legislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bhala strument ordinarju li bih kull kawza tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju procedurali li ghandu hsieb u ghan specifiku, u kemm hu hekk hija wahda minn dawk il-proceduri li l-Kodici ssejjah ‘specjali’”.

Illi l-isess Qorti komplet tispjega li:

> “Illi dwar it-tifsir tal-konnessjoni mehtiega mal-azzjoni attrici biex tista' triegi l-kontro-talba, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzionali jitqiesu bhala zewg azzjonijet li kapaci joqoghdu wahedhom f’ezistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodici jseddaq din l-awtonomija.”

Ghalhekk, b’ ‘konnessjoni’ wiehed certament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura taghha (Ara Sammy Meilaq noe vs Oral Attinel pro et). Izda l-elementi li trid il-ligi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontro-talba tista' titressaq kif imiss.

Dawn il-punti gew kristallizzati ukoll fis-sentenzi Lawrence Zammit Haber vs Elizabeth Everett et u Lighthouse Communications Limited vs Joseph Micallef. Ghalhekk minn ezami tat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti rikonvenjenti u cioe':

> “1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut kien ben konsapevoli tal-istat tal-vettura qabel ma sar l-akkwist” u
>
> “2. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-talbiet tal-konvenut huma nfodati u ghandhom jigu michuda u illi l-bejgh tal-vettura sehh kif tirrikjedi l-ligi”

johrog carament li l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenjenti hija estensjoni tal-eccezzjonijiet imressqa mill-istess konvenuti u li ma tezistix indipendentement u awtonomament mill-azzjoni attrici.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet premessi, il-kontro-talba hija nulla ai termini u effetti kollha tal-Ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-konvenuti rikonvenjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u huma ghal kollox inveritieri stante:

i. Illi l-bejgh tal-vettura Honda CRX Del Sol hamra bin-numru ta’ registrazzjoni SKP 082 sar f' Settembru 2012 u mhux kif ddikjaraw u kkonfermaw il-konvenuti nkonvenjenti li l-bejgh sar f’Novembru;

ii. Illi mhux vera li l-konvenuti rikonvenjenti avzaw lill-esponent li s-saqaf tal-vettura ma kienx jahdem, izda ghall-kuntrarju huma qalu li ken jahdem;

iii. Illi lanqas m'hu minnu li l-esponent ha l-vettura in kwistjoni ghand il-‘mechanic’ qabel ma' hu akkwista l-istess vettura minghand il-konvenuti rikonvenjenti;

iv. Illi ma saret l-ebda dikjarazzjoni minghand il-mechanic ta' fiducja tal-esponenti li s-saqaf ma kellu xejn gravi fil-vettura;

v. Illi wara li sar il-bejgh tal-vettura, l-konvenuti rikonvenjenti qalu lill-esponent illi huma kienu xtraw xi ‘parts’ ghall-vettura, izda xorta wahda l-karozza baqghet difettuza;

vi. Illi l-esponent ikkomunika diversi drabi mal-konvenuti rikonvenjenti sabiex l-istess konvenuti jirrangaw il-vettura bl-ghan li tkun konformi mal-kwalita' patwita, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk l-esponent kellu jfittex rimedju quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi ghaldaqstant jigi sottomess illi l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenjenti ghandha tigi michuda filwaqt illi it-talba tal-esponent Dr. Kevin Cassar timmerita akkoljiment bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti rikonvenjenti Luke u Joseph Vella.

5. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

6. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-Fatti**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Ghal habta ta’ Awwissu tas-sena 2012, l-attur kien ftiehem mal-konvenuti sabiex jixtri minghandhom il-vettura tat-tip Honda CRX Del Sol. Ghalkemm kienet tappartjeni lill-konvenut Luke Vella, il-vettura kienet registrata ma’ Transport Malta f’isem missieru il-konvenut Joseph Vella. Dak iz-zmien il-vettura kienet *garaged* u ghalhekk ma kellhix licenzja tat-triq imhallsa. Il-vettura, li hija tat-tip *convertible*, kellha s-saqaf u l-*boot* li jinfethu b’mod elettroniku. L-attur spjega li meta huwa kien mar jara l-vettura qabel ma xtraha, il-konvenut Luke Vella kien qallu li s-saqaf u l-*boot* kienu jiffunzjonaw tajjeb izda li ma setghax ihaddimhom dak il-hin peress li l-batterija riedet tinbidel.

ii. Il-prezz maqbul bejn il-partijiet kien dak ta’ €3,500 u ghalhekk fil-5 ta’ Settembru 2012 l-attur kien mar mal-konvenut Joseph Vella fl-ufficju ta’ Transport Malta sabiex il-vettura giet registrata fuq isem l-attur. Dak inhar l-attur hallas depozitu ta’ €500 lill-konvenut Joseph Vella, u hallas ukoll is-somma €1,431.17 lil Transport Malta bhala hlasijiet relattivi ghall-licenzja tat-triq, pjanci tar-registrazzjoni u

drittijiet amministrattivi.[1] Aktar tard dakinhar, l-attur hallas lill-konvenuti l-bilanc tal-prezz fl-ammont ta' €3,000, u l-partijiet iffirmaw skrittura fejn fost l-ohrajn indikaw li l-vettura kienet qeghda tinbiegh *"as seen, no warranty given of* [recte or] *implied"*.[2]

iii. L-attur kompla jixhed li ghalkemm l-ghada kien xtara batterija gdida, s-saqaf u l-*boot* xorta wahda ma bdewx jiffunzjonaw. Qal li ghalhekk fis-17 ta' Settembru 2012 kien mar bil-vettura ghand il-*mechanic* Alex Attard, li wara li spezzjona l-vettura kien sab li kellha r-*roof control unit* difettuz u tah stima tat-tiswijiet f'ammont li kien jeccedi l-elf euro. L-attur xehed li ghalhekk huwa kien kellem lill-konvenut Luke Vella li da parti tieghu kien wiegbu li kien lest li jhallas ghat-tiswijiet necessarji bil-kundizzjoni li x-xoghol isir mill-*mechanic* ta' fiducja tieghu, certu Mario Camenzuli. L-attur accetta din il-kundizzjoni u ha l-vettura ghand Mario Camenzuli, bil-ftehim mal-konvenut Luke Vella li l-attur kellu jigbor il-vettura meta jitlestew it-tiswijiet.

iv. Ghall-habta ta' nofs Novembru, it-tiswijiet fuq il-vettura kienu ghadhom ma tlestewx, u minn diskors li sar bejn Mario Camenzuli u l-konvenuti, l-attur skopra li fil-passat kienu diga' saru xi xogholijiet fuq is-saqaf u l-*boot* tal-vettura. L-attur xehed ukoll li ghalkemm kien hemm xi miljoramenti, xorta wahda s-saqaf u l-*boot* ma kienux qed jiffunzjonaw tajjeb. L-attur jghid li f'dan l-istadju intlahaq ftehim li permezz tieghu l-konvenut Luke Vella kellu jixtri l-*parts* u jiehu hsieb li t-tiswijiet fuq il-vettura jsir b'mod tajjeb. Xehed li madankollu ghalkemm madwar gimgha wara il-konvenut Luke Vella baghat jinfurmah li kien xtara l-*parts*, il-konvenuti ma zammewx ma' dik il-parti tal-ftehim li jiehdu hsieb ukoll it-tiswijiet.[3]

v. Il-konvenut Luke Vella xehed li meta l-attur kien mar biex jispezzjona l-vettura qabel ma sar il-bejgh, hu kien gharrfu li l-vettura kellha bzonn li tinbidlilha l-batterija u li kien hemm bzonn xi ssetjar zghir biex jinfetah il-*boot*. Qal li l-attur kien sodisfatt b'dak li ra u ghalhekk qablu fuq il-prezz, sar il-hlas u fil-5 ta' Settembru 2012 il-vettura giet trasferita ghal fuq isem l-attur. Kompla jghid li fil-21 ta' Settembru 2012 l-attur kien qallu li meta mar ghand il-*mechanic* tieghu kien tah stima ta' €850 sabiex

[1] Ara Dok KC3 a *fol.* 37 tal-process
[2] Ara Dok KC4 a *fol.* 38 tal-process
[3] Ara x-xhieda tal-attur a *fol.* 25 tal-process

isiru t-tiswijiet. Spjega li f'dan l-istadju kien ftiehem mal-attur li kien ser ihallas ghal dawn it-tiswijiet izda dawn kellhom isiru mill-*mechanic* tal-ghazla tieghu, u cioe' Mario Camenzuli. Xehed li huwa beda jixtri dawk il-parts li kien jindikalu l-mekkanik, izda z-zmien beda ghaddej u t-tiswijiet ma kienux ghadhom tlestew. Qal li meta marru ghand il-*mechanic*, l-attur kien talbu biex jaghtih il-flus lura ghax ma riedx jistenna aktar, u ghalhekk hu kien talbu gimgha cans biex igiblu l-ahhar part li kien fadal. L-attur kien qabel li jsir dan. Il-konvenut spjega li ghalkemm il-*mechanic* kien talbu jixtri biss xi *wires*, hu kien xtara saqaf kollu u dan biex jaccerta ruhu li ma jkun jonqos xejn. Xehed illi meta baghat lill-attur biex jinformah b'dan, l-attur ma kienx tah wicc u ghalhekk kien talab lill-missieru sabiex jibghatlu wkoll. Minkejja dan l-attur beda jinsisti li jirritorna l-vettura u jinghata l-flus lura.[4]

vi. Il-konvenut Joseph Vella xehed li f'Novembru kien mar flimkien ma' ibnu u mal-attur ghand il-*mechanic* Mario Camenzuli izda t-tiswijiet kienu ghadhom ma tlestewx, u li dakinhar Camenzuli kien qalilhom li kull ma kien jonqos kienu l-*wires* tas-saqaf. Spjega li f'dan l-istadju l-attur kien l-ewwel talabhom il-flus lura izda imbaghad kien accetta li jatihom cans sakemm jirrangawlu s-saqaf. Xehed li ghalhekk ibnu Luke Vella kien xtara saqaf komplut izda meta baghatu jinfurmaw lill-attur b'dan, l-attur ma wegibhomx u wara rcivew ittra minghand l-avukat tal-attur.[5]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Permezz tal-kawza odjerna, l-attur qieghed jitlob hlas rapprezentanti l-prezz tal-akkwist ta' vettura li akkwista minghand il-konvenuti, kif ukoll hlasijiet li huwa ghamel lil Transport Malta relattivi ghall-istess vettura u spejjez ohra relatati mal-akkwist, u dan stante li l-attur jikkontendi li l-vettura akkwistata ma kenitx tal-kwalita' pattwita.

9. Da parti taghhom, il-konvenuti jilqghu ghal din it-talba billi permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom jikkontendu li l-attur kien konsapevoli tal-istat tal-vettura fil-

[4] Ara l-affidavit tal-akonvenut Luke Vella a fol. 63 tal-process.
[5] Ara l-affidavit tal-akonvenut Joseph Vella a fol 61 tal-process.

mument tal-akkwist, u bit-tielet eccezzjoni jecepixxu li t-talbiet tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Il-konvenuti ressqu ukoll kontro-talba li permezz taghha talbu dikjarazzjoni li l-konvenut kien ben konsapevoli tal-istat tal-vettura qabel ma sar l-akkwist u li t-talbiet tal-konvenut huma nfondati u illi l-bejgh tal-vettura sehh kif tirrikjedi l-ligi.

*L-azzjoni principali*

10. Mill-aspett legali, il-Qorti tosserva li minn harsa lejn il-mod kif inhu mfassal l-avviz promotur, huwa evidenti li l-azzjoni attrici timmira li tholl il-ftehim tal-bejgh li sar bejn l-attrici u l-konvenuti, u li titlob il-hlas lura tas-somma mhallsa fuq il-premessa li l-vettura mibjugha ma kinitx tal-kwalita' pattwita. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:

*"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti."*

11. Fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Agius et vs Antoine Xerri** deciza fis-6 ta' Ottubru 2004 il-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri)[6] irriteniet illi:

*"... l-konvenut venditur kellu 'ope legis' jadempixxi z-zewg obbligi specifici dettati mill-Artikolu 1378 tal-Kodici Civili:-*

*(a) L-ewwel obbligu hu dak tal-konsenja tal-oggett vendut. Dan fis-sens li dan l-oggett kellu jigi kkunsinnat fl-istat li kien jinsab fiz-zmien tal-bejgh (Art 1393), bl-obbligu wkoll tal-kunsinna ta' l-accessorji tieghu (Art 1398). F'kaz li mbaghad ikun gie akkordat illi l-oggett kellu jkun ta' certu kwalita` kien hemm l-obbligu li l-kunsinna tal-oggett tkun ta' din il-kwalita` (Art 1390). Dan anke jekk din il-kwalita` ma tirrizultax minn xi klawsola negozjali specifikament espressa.*

[6] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*(b) Bhala t-tieni obbligu l-ligi tipprovdi wkoll li l-venditur kellu jiggarantixxi l-haga mibjugha wkoll ghad-difetti li ma jidhrux fil-haga mibjugha. "Garanzija din favur ix-xerrej intiza biex takkordalu l-opportunita` li xorta wahda jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat. Il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux regolata bl-artikolu 1424 et seq. tal-Kap 16 kellha allura titqies li kienet komplimentari ghall-obbligu tal-bejjiegh li jikkunsinna l-haga skond il-kwalita` mweghda u l-konsegwenzjali dritt tax-xerrej li, f'kaz ta' nuqqas, jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit" – "Joseph Vassallo et -vs- Antonia Borg", Appell, 6 ta' Ottubru 2000.*

*Precizati dawn iz-zewg obbligi, dan ma jfisserx illi bejn iz-zewg azzjonijiet ma hemmx ukoll differenzi markati kompriz dak taz-zmien utili li fih l-azzjoni l-wahda jew l-ohra kellha tigi esperita, Kif kostantement deciz, "meta l-kwestjoni tkun qieghda taggira ruhha fuq il-kwalita` tal-haga mibjugha, il-vizzju redibitorju u t-teorija relattiva mhumiex applikabbli precizament ghaliex f'dawn il-kazijiet l-ezami ghandu jaggira ruhu fuq l-ewwel obbligazzjoni tal-venditur li ghandu jaghti l-haga skond il-kwalita` miftehma u f'kundizzjoni li kienet waqt il-bejgh, u prezumibilment fi stat tajjeb, mentri fil-kaz tal-vizzji redibitorji ma jkunx hemm l-ebda kwestjoni fuq il-kwalita` tal-haga, izda x-xerrej jippretendi li ghalkemm l-oggett huwa effettivament tal-kwalita` miftehma, izda ghandu go fih vizzju okkult li jirrendih inutili ghalih" (Kollez. Vol. XXXI pI p647).*"

12. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti jargumentaw li l-bejgh mertu tal-kawza sar minghajr garanzija u dan stante li l-iskrittura ta' bejgh tghid li *"... ... the said vehicle, which is going the be sold for Euro 3500 as seen, no warranty given of* (recte: or) *implied"*. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, din il-parti tal-iskrittura ta' bejgh ma ggibx fix-xejn l-azzjoni attrici u dan ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok, f'dan il-kaz l-attur mhux qieghed jikkontendi li l-vettura minnu akkwistata kienet difettuza jew li kellha xi vizzju mohbi, izda li huwa kien xtara l-vettura bil-kundizzjoni li s-saqaf u l-*boot* kienu jiffunzjonaw tajjeb u li l-konvenuti naqsu milli jikkonsenjawlu l-vettura kif pattwit. Ghaldaqstant l-azzjoni attrici hija wahda ibbazata fuq l-inadempjenza kontrattwali tal-konvenuti u mhux wahda li tfittex rimedju kontra l-garanzija li l-ligi taghti lix-xerrej ghad-difetti li ma jidhrux.

13. Fit-tieni lok, mill-provi prodotti jirrizulta li qabel ma sar il-bejgh Luke Vella kien ha fuq il-post lil *mechanic* tieghu Mario Camenzuli li kien qallu li t-tiswijiet li kienet tehtieg il-vettura kienu xi ssetjar zghir u li tigi nstallata batterija gdida, u din kienet l-informazzjoni li l-konvenut kien ta lill-attur meta dan kien qieghed jispezzjona l-vettura. Ghaldaqstant meta l-attur ikkonkluda l-bejgh, dan ghamlu fuq il-premessa li s-saqaf u l-*boot* kienu jiffunzjonaw tajjeb, u kellu jinkorri biss spejjez minimi ta’ xiri ta’ batterija u ssetjar zghir. Kien biss wara li sar il-bejgh li rrizulta, anke lill-konvenut innfisu, li l-entita’ tal-hsara kienet akbar minn dak mistenni, tant li kien hemm il-htiega li jinxtraw diversi *parts* u jsir diversi xogholijiet fuq il-vettura.[7]

14. Fit-tielet lok, u ghalkemm ma hemmx dubju li l-iskrittura giet redatta b’mod xejn felici, l-Qorti hija tal-konsiderata fehema li l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-bejgh ma kinitx li l-venditur jigi mehlus mill-obbligu li jadempixxi mal-obbligu kuntrattwali tieghu li jikkonsenja l-vettura bis-saqaf u l-*boot* jiffunzjonaw tajjeb. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ukoll fid-dawl tal-fatt illi wara li kien sar il-bejgh, u dan huwa fatt mhux ikkontestat, intlahaq ftehim bejn il-partijiet li bih il-konvenuti qablu li t-tiswijiet necessarji kellhom jigu esegwiti mill-*mechanic* tal-konvenuti a spejjez taghhom. F’dan ir-rigward, il-konvenut Luke Vella xehed illi *“… … wara li tkellimt ma’ missieri jiena accettajt li niehdu l-karozza ghand mekkanik personali tieghi biex jiccekja, jara xi hsarat fiha u nhallas jiena.”*[8]

15. Fil-fehma tal-Qorti pero’, hawnhekk il-partijiet lahqu ftehim kuntrattwali gdid li ghalkemm jinsorgi minn kuntest ta’ bejgh, huwa indipendenti minnu. F’dan l-istadju, in-nuqqasijiet li kellha l-vettura kienu gew identifikati, u l-partijiet ftehmu li dawn in-nuqqasijiet jissewwew a spejjez tal-konvenuti, tant li l-konvenut Luke Vella ipproceda biex jakkwista diversi *parts* li ghaddihom lil *mechanic* Mario Camenzuli. Irrizulta li ghalkemm il-vettura ghamlet xi zmien ghand il-*mechanic* tal-konvenuti, it-tiswijiet ma kienux saru b’mod sodisfacenti ghall-attur stante li ghalkemm il-*boot* beda jinfetah, is-saqaf baqa’ ma jinfetahx. Ghal darb’ohra il-partijiet regghu ftehmu biex il-konvenuti jixtru l-ahhar *parts* li kien fadal skond il-*mechanic* Mario Camenzuli.

[7] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta’ Luke Vella a *fol.* 93 tal-process.
[8] Ara l-affidavit ta’ Luke Vella a *fol.* 63 tal-process.

16. Tirrizulta diskrepanza bejn il-verzjoni tal-attur u dik tal-konvenuti dwar dak li gara sussegwentement. Filwaqt li l-attur jghid li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-konvenut Luke Vella kellu jixtri l-*parts* u jiehu hsieb ukoll li t-tiswijiet fuq il-vettura jsiru b'mod tajjeb, il-konvenuti jsostnu li ghalkemm huma zammew ma' dan il-ftehim u xtraw il-*parts* necessarji, meta baghatu jinfurmawh b'dan l-attur beda jinjorahom. Mill-assjem tal-provi, il-Qorti issib li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenuti f'dan ir-rigward hija aktar verosimili u konformi ma' dak gja pattwit precedentement bejn il-partijiet. L-attur jghid li meta huwa gie nfurmat mill-konvenut Luke Vella li l-*parts* kienu nxtraw u biex jiehu l-vettura ghand il-*mechanic* tieghu Alex Attard, huwa ghazel li ma jwegibx. L-attur jispjega din il-posizzjoni tieghu billi jghid *"Jien ma' ghogbitnix din il-bicca tax-xoghol u njorajtha."*[9]

17. Madankollu, il-Qorti tqis li ladarba f'dan l-istadju r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet ma kenitx regolata biss bil-kuntratt ta' bejgh, izda kien hemm ftehim iehor li kien sussegwenti u ancillari ghalih. Mill-atti ma jirrizultax li l-konvenuti kienu qeghdin jirrifjutaw li jhallsu l-ispejjez li setghu kienu dovuti lil dan il-*mechanic*, u b'hekk ma jonorawx l-obbligu minnhom assunt. Anke jekk ghal grazzja tal-argument dan kien il-kaz, l-attur kien jehtieglu li jagixxi fil-parametri ta' dak pattwit skond it-teorija generali tal-obbligazzjonijiet biex jissodisfa d-drittijiet tieghu kontra l-konvenuti. Huwa minnu li l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili jipprovdi li x-xerrej jista' jaghzel li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, izda l-attur ma jistax jippretendi li l-ewwel jaghzel li jzomm l-oggett u jilhaq ftehim mal-konvenuti biex dawn jixtru l-parts u jaghmlu t-tiswijiet necessarji, u imbaghad fi stadju sussegwenti jibdel fehmtu u jfittex li jithallas lura l-prezz.

18. Fid-dawl tas-suespost, isegwi li r-rimedju mitlub mill-attur ma jistax jigi moghti lilu stante li f'dan il-kaz l-attur kien tilef dan id-dritt bil-fatt tieghu stess.

*L-azzjoni rikonvenzjonali*

[9] Ara x-xhieda tal-attur a *fol.* 32 tal-process.

19. Bil-kontro-talba taghhom, il-konvenuti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-attur rikonvenzjonat kien ben konsapevoli tal-istat tal-vettura qabel ma sar l-akkwist, li t-talbiet tal-attur rikonvenzjonat huma nfondati u ghandhom jigu michuda u illi l-bejgh tal-vettura sehh kif tirrikjedi l-ligi.

20. L-attur ressaq eccezzjoni preliminari ghar-rikonvenzjoni tal-konvenuti, u ghalhekk din ser tigi trattata u deciza l-ewwel.

*L-ewwel Eccezzjoni Rikonvenzjonali – Nullita' tal-kontro-talba stante li ma tissodifax l-elementi rikjesti ghall-azzjoni tar-rikonvenzjoni*

21. L-attur jeccepixxi li l-kontro-talba tal-konvenuti huma estensjoni tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti, u ma tistax tezisti indipendentement u awtonomament mill-azzjoni attrici. Ghalhekk l-attur jikkontendi li l-kontro-talba hija nulla ai termini u effetti kollha tal-Ligi.

22. L-artikolu 396 tal-Kodici ta' Procedura Civili jipprovdi li l-konvenut jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jinghad hawn taht: (*a*) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba tal-attur; jew (*b*) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha.

23. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Scerri vs Anna Fenech et** deciza fit-3 ta' Lulju 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[10] rriteniet illi:

*"Hawnhekk, il-Qorti thossha fid-dmir li taghmilha cara li l-fatt li ghan ta' parti mharrka jkun li ggib fix-xejn azzjoni mressqa kontriha ma jirrendix gustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att gudizzjarju fl-ghamla ta' rikonvenzjoni. L-istess ghan jintlahaq b'Nota tal-Eccezzjonijiet. Ma kien qatt il-hsieb tal-legislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bhala strument ordinarju li bih kull kawza tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju procedurali li ghandu hsieb*

[10] *Per* Imhallef Joseph R. Micallef

*u ghan specifiku, u kemm hu hekk hija wahda minn dawk il-proceduri li l-Kodici isejjah "specjali".*

*... ... (Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bħala żewġ azzjonijiet li kapaċi joqogħdu waħedhom f'eżistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodiċi jseddaq din l-awtonomija. Għalhekk, b'"konnessjoni" wieħed ċertament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura tagħha. Iżda l-elementi li trid il-liġi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontro-talba tista' titressaq kif imiss."*

24. Fil-kaz odjern, in linea ta' eccezzjonijiet ghat-talba principali l-konvenuti ressqu is-segwenti eccezzjonijiet:

*"2. Illi l-attur kien ben konsapevoli tal-istat illi kienet fih il-vettura fil-mument tal-akkwist.*

*3. It-talbiet tal-attur rikorrent ghandhom jigu michuda u stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta mill-provi.*"

25. It-talbiet rikonvenzjonali huma s-sewgenti:

*"1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut kien ben konsapevoli tal istat tal-vettura qabel ma sar l-akkwist" u*

*"2. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati u ghandhom jigu michuda u illi l-bejgh tal-vettura sehh kif tirrikjedi l-ligi"*

26. Huwa evidenti li mhux biss il-kontro-talba hija estensjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, izda fil-maggor parti taghha hija replika tal-istess eccezzjonijiet. Il-fatt fih innfisu li t-tieni talba rikonvenzjonali qeghda tfittex dikjarazzjoni gudizzjarja li t-talbiet principali tal-attur huma nfondati u ghandhom jigu michuda huwa riflessjoni tal-fatt li t-talbiet rikonvenzjonali ghandhom in-natura ta' eccezzjonijiet, huma konsegwenzjali

ghat-talbiet tal-attur u ghalhekk ma jistghux jirnexxu indipendentement mit-talba attrici.

27. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ser tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti. In vista ta' dan, ma hemmx lok li din il-Qorti tikkunsidra l-eccezzjonijiet l-ohra tal-attur.

**Konkluzjoni**

28. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

2. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u konsegwentement tichad it-talba tal-attur.

4. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-attur ghall-kontro-talba u konsegwentement tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti.

L-ispejjez tat-talba principali ghandhom ikunu a karigu tal-attur, filwaqt li l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom jithallsu mill-konvenuti.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**